

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 957/2012

tas-17 ta' Ottubru 2012

li jemenda l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 fir-rigward tat-tħassir tal-annotazzjoni għall-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) u l-punt (4) tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti li joriġinaw mill-annimali. B'mod partikolari, jistipula li prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jiġu importati biss minn pajjiżi terzi jew parti ta' pajjiżi terzi li tidher fuq il-lista mfassla u aġġornata skont dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jipprovdi li, fit-tfassil u l-aġġornamenti ta' listi bħal dawn, għandhom jitqiesu l-verifiki min-naħa tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u l-garanziji min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-konformità jew l-ekwivalenza mal-liġi tal-Unjoni dwar l-għalf u l-ikel u regoli dwar saħħet l-annimali kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ⁽³⁾.
- (3) L-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni

Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman ⁽⁴⁾ jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib.

- (4) Il-pajjiż awtonomu tal-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-preżent huwa inkluż fil-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.
- (5) Wara r-riforma interna tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, effettiva sa mill-10 ta' Ottubru 2010, l-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi ma baqax jeżisti bħala pajjiż awtonomu fi ħdan dak ir-Renju. Fl-istess data, Curaçao u Sint Maarten kisbu l-istatus ta' pajjiżi awtonomi fi ħdan ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, filwaqt li Bonaire, Sint Eustatius u Saba saru municiplitalitajiet speċjali tal-parti Ewropea tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Huwa għalhekk xieraq li titħassar l-annotazzjoni għall-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi mil-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.
- (6) Curaçao u Sint Maarten ma esprimewx interess li jkomplu bl-esportazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem lejn l-Unjoni. Għalhekk mhuwiex xieraq li dawn jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, l-annotazzjoni għall-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi hija mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

⁽³⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
